Jannar 2009 — Nru. 348

# it-Triq

ma' KRISTU l-ferħ possibbli

www.it-triq.org



Kemm jiswa miraklu?
**(}sieb fuq il-qoxra ta' barra)**



It-tifla fetħet il-vazett, ferrgħet fl-art il-flus li kellha, u bdiet tgħoddhom bir-reqqa. Imbagħad reġgħet tefgħethom lura fil-vazett, għalqitu tiġri, u b'ħeffa kbira ħarġet mid-dar mill-bieb ta' wara. Marret dritt għand l-ispiżjar.

Hemmhekk qagħdet tistenna bis-sabar kollu lill-ispiżjar jatiha l-attenzjoni, imma dan kien mehdi waħda sew jitkellem ma' raġel liebes bil-ġlekk pulit, hekk li lanqas intebaħ biha. Hija bdiet tagħmel minn kollox biex tiġbed l-attenzjoni ta' l-ispiżjar … tħabbat saqajha mal-bank ta' l-ispiżerija, tqaħqaħ, ittaptap b'subgħajha fuq il-bank … għalxejn. Fl-aħħar qabdet il-vażett u sabbtitu fuq il-bank, u hekk l-ispiżjar intebaħ biha u dlonk qalilha: 'Xi trid int? M'intix qed tarani nitkellem? Dan ħija għadu ġej mis-safar, ilni ma narah għomor …' u kien se jdur biex jissokta jitkellem, imma t-tifla ma riditx titlef iċ-ċans u: 'Irrid inkellmek dwar ħija. Hu jinsab marid serjament … u allura rrid nixtri miraklu.'

'X'inhu?!' saqsa l-ispiżjar mifxul.
'Ħija jismu Andrew, u għandu xi ħaġa ħażina qiegħda tikber ġo rasu, u missieri qed igħid li miraklu biss jista' jsalvah. Allura ġejt nixtri miraklu. Għidli, kemm jiswa miraklu?'

'Hawnhekk ma nbigħux mirakli, żgħira. Jiddispjaċini, imma ma nistax naqdik,' weġibha l-ispiżjar, din id-darba b'ton aktar ħelu.

'Isma', jien għandi l-flus biex inħallas għall-miraklu. Jekk ma jkunux biżżejjed, inġib aktar. Għidli kemm jiswa," kompliet tinsisti t-tifla.

*(ikompli fuq paġna 3)*

---

L-ispejjeż kollha ta' din l-ewwel ħarġa tas-sena 2009 ġew ġentilment offruti minn ħabiba tagħna li tixtieqna nitolbu għal ruħ il-ġenituri tagħha. Grazzi.

**Id-Direzzjoni**

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

**fuljett ta' kull xahar mahrug minn grupp ta' talb fost Il-Haddiema**

**Nru. 348**
**Jannar 2009**

# Waħedna mhu se nagħmlu xejn !

*(Editorjal)*

Ħbieb,

L-Ewwel tas-Sena hu 'Jum il-Paċi'. Għadna kemm iċċelebrajna l-festa kbira tat-twelid ta' Dak li ġie biex jagħmilna paċi ma' Alla l-Missier u bejnietna. O.K. dan nafuh, forsi tgħiduli.

Imma allura, għaliex hawn daqshekk nuqqas ta' paċi! Ġlied fil-familji, tilwim bejn ġirien, ġlied bejn partiti, gwerer bejn razza u oħra, gwerer bejn pajjiż u ieħor. Imbagħad x'ingħidu għas-serq, vjolenza, biża' u qtil. X'inhi r-raġuni li hawn dan il-gwaj kollu?

Il-gawj kollu ġej għaliex il-bniedem jinsab 'il bogħod minn Alla, u spiċċa jaħseb biss fih innifsu ... kemm ser jieħu gost ... kemm se jakkwista ... kemm ser jiddomina fuq ħaddieħor. L-istess eżistenza tal-bniedem saret mimlija bih innifsu u bih innifsu biss.

Tant hu hekk li minkejja l-ħafna diskussjonijiet bejn il-pajjiżi ta' madwar id-dinja fuq kif se sseħħ din l-imbierka paċi, xorta għad għandna din il-pjaga kbira bejnietna u madwarna. Fallejna xorta waħda. Għax mingħajr Alla, mingħajr it-tagħlim li tana, mingħajr rieda tajba f'dak li niddiskutu, il-bniedem mhux ser jakkwista l-vera paċi.

Smajnieha kemm-il darba din is-sentenza fil-ġranet li għaddew. 'Glorja lil Alla fl-għoli tas-smewwiet, u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba" (Lq 2,14). Mela l-paċi tinsab f'qalb dawk il-bnedmin li għandhom rieda tajba. Minn hemm irridu nibdew. Għax fuq kollox, il-paċi tal-qalb hi rigal imprezzabbli ta' Alla għal dawk li jħobbuh. U mill-paċi tal-qalb imbagħad toħroġ il-paċi bejnietna, bejn il-ġnus u l-popli tad-dinja kollha.

Fl-Ewwel ta' Jannar infakkru wkoll il-festa ta' Marija Omm Alla. Marija hi Ommna wkoll, u għalhekk tħobbna b'imħabba ta' veru omm, li tagħmel minn kollox biex tarana ngħixu fil-paċi f'din id-di~~nja. Ma niddejqux nitolbu~~ha lil Ommna biex tieħu ħsiebna.

# Proponimenti

<u>X'ħin tqum</u>: Ibda l-ġurnata tiegħek mal-Mulej. F'qalbek għid : "Dan huwa l-jum ! Dan hu rigal ieħor. Inkun kuntent b'dak li jiġi".

"Dan hu l-jum li għamel il-Mulej, ħa nifirħu u nithennew fih!"
*Salm 118 :24*

<u>Meta tilbes</u>: Tinsiex tilbes tbissima. Tidher aħjar u isbaħ. Wiċċek juri x'int u bih tfisser ħafna bla ma biss tgħid kelma.

"Int bdilt fi żfin il-għali tiegħi: neħħejt minni l-ilbies tal-viżtu u libbistni bl-hena"
*Salm 30:12*

<u>Żomm ħalqek magħluq</u>: Għasses ilsienek! Tgħidx fuq in-nies. Għid biss affarijiet sbieħ. Tgħallem isma'!

"Mulej qegħedli r-riedni fuq fommi; agħmilli l-għassa ma' bieb xoftejja!"
*Salm 141:3*

<u>Kun Sod:</u> Iva, kun sod f'dak li temmen. Aqbeż għall-prinċipji tiegħek. Iqaflu lill-ħażen. Agħmel it-tajjeb.

"X'jistenna minnek il-Mulej? li tagħmel il-ġustizzja, li tħobb u tkun ħanin. U mal-Mulej timxi bl-umilta"
*Mikea 6:8*

<u>Ħares 'il fuq</u>: Iftaħ għajnejk għall-Mulej! Hu s-Salvatur tiegħek!

"Nerfa' għajnejja lejn l-għoljiet. Minn fejn se tiġinni l-għajnuna? L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej li għamel is-sema u l-art. Ma jħallix li riġlek tagħtor"
*Salm 121: 1-3*

<u>Sib ħin</u>: Għaddi iżjed ħin fit-talb, sib ħin għall-quddies, adorazzjoni, qrar, insomma, sib ħin għall-Mulej.

"Żomm sħiħ fit-talb, ishru fih bħala radd ta' ħajr lil Alla"
*Kolossin 4:2*

<u>Iftaħ qalbek</u>: Kun disponibbli għal dawk li għandhom bżonn l-għajnuna tiegħek. Aqdi, issapportja u aqsam li għandek.

"Uliedi, ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u bis-sewwa!"
*1 Ġwanni 3:18*

*(ikompli il-Ħsieb tal-Qoxra)*

Sadattant ħu l-ispiżjar kien qed jisma' dan kollu. Huwa baxxa rasu lejn it-tifla u staqsiha: 'X'tip ta' miraklu għandu bżonn ħuk?'

'Ma nafx,' weġbitu t-tifla bid-dmugħ f'għajnejha. 'Naf biss li hu marid ħafna, u l-mummy tgħid li għandu bżonn operazzjoni. Imma d-daddy ma jistax iħallas għaliha, u allura rrid nuża l-flus li ġemmajt.'

'Kemm għandek flus?' staqsiha.

'Ħames euro u sebgħa u tletin ċenteżmu' wieġbet b'ton baxx. 'Dawn huma l-flus kollha li għandi, imma jekk jinħtieġu aktar flus, tibżax, inġib aktar …'

Ħu l-ispiżjar tbissem: 'X'kumbinazzjoni! Ħames euro u sebgħa u tletin ċenteżmu huwa l-prezz preċiż għal miraklu fuq tifel żgħir.'

U filwaqt li b'id minnhom ħadilha l-flus, bl-oħra qabdilha idha u qalilha: 'Ħudni d-dar tiegħek. Irrid nara lil ħuk u niltaqa' mal-ġenituri tiegħek. Ħalli nara għandix il-miraklu li inti trid li jsir fuq ħuk.'

Dak ir-raġel liebes pulit kien Dr. Carlton Armstrong, kirurgu li jispeċjalizza fl-operazzjonijiet fir-ras. L-operazzjoni twettqet b'wiċċ il-ġid, u l-professur ma' ried l-ebda ħlas. Ftit taż-żmien wara, ħu t-tifla kien id-dar tiegħu u hemm kompla jirpilja aktar. Ommu u missieru, b'ferħ liema bħalu, erħilhom jirrakkuntaw il-katina ta' affarijiet li ġraw u li wasslithom hemmhekk.

'Dik l-operazzjoni kienet tassew miraklu,' qalet l-omm. 'Ara kemm kienet tiswa kieku!'

It-tifla tbissmet. Kienet taf eżattament kemm kien jiswa dan il-miraklu li twettaq fuq ħuha: ħames euro u sebgħa u tletin ċenteżmu … u l-fidi ta' tifla ċkejkna!

---

*Fil-ħajja, qatt ma nistgħu nkunu nafu kemm se niġu bżonn ta' mirakli.*

*Miraklu ma jfissirx il-waqfien tal-liġi naturali, imma t-twettiq ta' liġi ogħla.*

---

# ‘M’hawnx bħali !’



‘Alla ħares ma nkunx jien għal żewġi, għax kull filgħodu dejjem l-istess xena … ‘xi qmis se nilbes?’ … ‘fejn huma l-kalzetti?’ … imbagħad wara ftit … ‘iċ-ċavetta tal-karozza rajtha?’ Ma nafx x’kien jagħmel kieku ma kellux lili ruħi!’

Ir-raġel, min-naħa tiegħu, dak li jgħidu hu vanġelu. Meta martu tipprova tmerih fuq xi ħaġa, jew tiftaħlu għajnejh sabiex joqgħod attent, ikun pront iweġibha: ‘Tarax, lili se tgħid x’għandi nagħmel?’ ‘Alla ħares ma kontx jien għalik’ igħidilha b’ton supperv, u jispiċċa bl-ironija: ‘kieku mhux żgur kont tinġabar!’

Biex tagħqad, magħhom kienet toqgħod il-kunjata, omm il-mara, u din bħat-tnejn l-oħra kienet tkompli u tgħid: ‘Dawn mhux bħali. Ħlief jitlewmu ma jagħmlux. Għal kull ħaġa ta’ xejn arahom bil-geddum. Jien nagħmilhielhom, għax nidħol f’home u malajr ikunu jafu x’insarraf. Bħali mhux se jsibu żgur!’



Hemm xi ħaġa komuni f’dawn it-tliet persuni: l-element ta’ suppervja. Din tiġi meta naħsbu li fid-dinja bħalna m’hawnx. Naħsbu li ħafna minna nifhmu u ninqalgħu aktar minn ħaddieħor, u li allura dejjem ikollna raġun, u li naħsbu li aħna dejjem tajbin.

Ir-riżultat hu li fil-fatt aħna nkunu supperv. Dan hu żgur ħażin għar-relazzjonijiet ta’ bejnietna. Ma ninsewx x’igħid il-Malti: *Is-supperv injorant, l-anqas ix-xitan ma jaħmlu.*

# }abbew lill-morda bis-serjeta'



Żewġt irġiel li ħadmu kemm felħu u ddedikaw ħajjithom kollha għall-morda, kienu t-tabib Franċiż Albert Schweitzer li twieled fl-14 ta' Jannar 1875, u l-kittieb, Franċiż ukoll, Raoul Follereau, li twieled fis-17 ta' Awissu 1903.

Albert Schweitzer:
Kien tabib, missjunarju, filosfu, kif ukoll organista prim. Ta' 18 il-sena speċjalizza fi tlett oqsma: reliġjon, filosofija u mediċina. Fl-1905 beda jhejji ruħu għax-xogħol missjunarju mediku. Bil-għajnuna tal-mara tiegħu, Helene, waqqaf sptar f'Lambarene' fil-Gabon, l-Afrika. Fl-1952 rebaħ il-Premju Nobel għall-Paċi. Miet fl-4 ta' Settembru 1965.

Raoul Follereau:
Kien bniedem b'qalb kbira lejn il-morda, speċjalment dawk milquta mill-lebbra. Għal aktar minn 50 sena mexxa battalja kontra din il-marda. Bena sptarijiet fl-Afrika u waqqaf il-"Jum il-Morda bil-Lebbra" (din is-sena, dan il-Jum ser ikun imfakkar, il-Ħadd, 25 ta' Jannar, 2009). Mhux ta' b'xejn li hu magħruf bħala l'appostlu tal-morda bil-lebbra. Miet fis-6 ta' Diċembru 1977.

Darba dawn iż-żewġt irġiel ta' qalb kbira ltaqgħu flimkien. Follereau staqsa: "Għidli, meta tiltaqa' ma' Kristu, x'bi ħsiebek tgħidlu?" Schweitzer irrisponda: "Inbaxxi rasi b'mistħija u ngħidlu: Aħfirli Mulej! Ħdimt ftit wisq".
U dan bniedem li ħadem għal 52 sena sħaħ!

Naħseb li rridu noqogħdu ferm attenti, jien u int, x'nrrisponduh lil Kristu meta niltaqgħu miegħu.

Raoul Follereau kien iħobb igħid...
Fejn jinsab il-ferħ? ...fil-ġid li tagħmlu, ...fil-ferħ li xxerdu, ...fit-tbissima li tnisslu fl-oħrajn, ...fid-dmugħ li tixxotta minn fuq wiċċ l-oħrajn.

## MIETET GĦALL-GĦAQDA TAL-KNEJJES

Dan ix-xahar issir l-Ottava ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara. Din l-inizjattiva tal-Knisja Kattolika kienet xegħlet l-immaġinazzjoni ta' Suor Maria Gabriella Sagheddu, Trappista, li offriet lilha nnifisha favur din il-kawża qaddisa. Min kienet Maria Sagheddu?

Din it-tifla twieldet f'Dorgali, f'Sardinja, fis-17 ta' Marzu 1914. Missierha miet meta kienet għadha żgħira. Ommha kienet tħajjarha tidħol fl-Azzjoni Kattolika, iżda Marija ma tantx kienet imħajra.

Ta' 18-il sena, Marija ltaqgħet mal-Mulej, u ħajjitha nbidlet għal kollox. Iddedikat ruħha għall-karita' u tat lilha nnifisha għat-talb. Il-bidla kompliet sejra għat-tajjeb, hekk li ta' 21 sena ddeċidiet li tikkonsagra ruħha kollha kemm hi 'l Alla u ngħaqdet mas-Sorijiet Trappisti fil-Monasteru ta' Grottaferrata, qrib Ruma. Meta pprofessat, ingħatat l-isem ta' Maria Gabriella. Il-majjistra tan-Novizzi, Madre Tecla, stqarret hekk fuqha: "Fi ftit żmien waslet fejn oħrajn jieħdu s-snin biex jaslu".

F'jum il-professjoni, li ħabat nhar il-festa ta' Kristu Re tas-sena 1937, għamlet offerta personali lil Alla: "Mulej, agħmel minni dak li trid. Jekk trid li jien immut jew nimrad bit-tuberkolożi, jien lesta għal kollox. Mulej irrid inkun vittma, imma aħseb Inti kif ... taf li jien ma nafx insofri".

Meta kellha 24 sena, fl-1938, impressjonat ruħha b'ittra li Father Paul Couturier, l-Appostlu ta' l-Ekumeniżmu, bagħat lil Madre Badessa biex jitolbu kemm jistgħu għall-għaqda tal-Knejjes Insara. Mill-ewwel Maria Gabriella kitbet lil Madre fejn urietha li kienet lesta toffri ruħha biex isseħħ l-għaqda fost il-Knejjes. Il-Madre ma kkommettietx ruħha u qaltilha tkellem lil Kappillan. Il-Kapillan qabel u aċċetta x-xewqa tagħha.

Ftit jien wara bdew jidhru f'Maria Gabriella l-ewwel sintomi tal-marda tat-tuberkolożi li kellha twassalha sal-qabar wara 15 il-xahar ta' tbatijiet. L-agunija tagħha ntemmet fit-23 ta' April 1939, kważi 70 sena ilu.



Nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar 1983, fl-okkażjoni ta' għeluq l-Ottava ta' Talb għall-Għaqda tal-Knejjes, il-Papa Gwanni Pawlu II, fil-Bażilka ta' San Pawl Barra s-Swar iddikjaraha Beata. Il-Papa kien iħobb isejħilha "Gabriella ta' l-Unita' ".

# Ibqa' mieghi Mulej



Ibqa' miegħi Mulej, għaliex hija meħtieġa
l-preżenza tiegħek miegħi,
biex ma noffendikx.
Inti taf kemm hu faċli li nabbandunak;
Ibqa' miegħi Mulej, għaliex jien dgħajjef
u neħtieġ il-qawwa tiegħek biex ma naqax fid-dnub;
Ibqa' miegħi Mulej, għaliex inti għalija l-ħajja,
mingħajrek nitlef kull ħeġġa;
Ibqa' miegħi Mulej, għaliex inti d-dawl tiegħi,
mingħajrek nibqa' fid-dlam;
Ibqa' miegħi Mulej, biex tgħinni nagħraf ir-rieda tiegħek;
Ibqa' miegħi Mulej, biex nisma' l-kelma tiegħek u nagħmilha;
Ibqa' miegħi Mulej, għaliex irrid inħobbok ħafna,
u nkun dejjem qrib tiegħek;
Ibqa' miegħi Mulej, jekk trid li jien nibqa' fidil lejk;
Ibqa' miegħi Mulej, għax għalkemm ruħi fqira ħafna,
nixtieq li tkun għalik bejta' ta' mħabba;
Ibqa' miegħi Mulej, mhux faraġ nitolbok
imma l-grazzja li tkun dejjem qrib tiegħi.
Ibqa' miegħi Mulej, il-ħajja riesqa lejn it-tmiem,
hemm bżonn li nsaħħaħ il-qawwa tiegħi
biex ma niqafx nofs triq,
għalhekk jien tant għandi bżonnok;
Qed jidlam, riesqa l-mewt!
Id-dlamijiet, it-tentazzjonijiet, is-slaleb ibeżżgħuni...
għandi bżonnok;
Lilek biss infittex:
l-imħabba tiegħek, il-grazzja tiegħek, l-Ispirtu tiegħek.
Irrid inħobbok b'qalbi kollha fuq din l-art
u nkompli nħobbok b'mod perfett għal dejjem fil-ġenna.
Iva, dan nitolbok, li tibqa' dejjem miegħi Mulej!

*San Piju ta' Pietrelcina*

Din għandha tkun it-talba tagħna lkoll fil-bidu ta' sena ġdida.

# The family

## The right of parents to beget and educate their children in the bosom of the family must be safeguarded.

*Gaudium et Spes*
*(The Church in the Modern World)*



# *Niftakru fit-talb tagħna ...*



… fir-ruħ ta' SPIRIDIONE GERADA, li jiġi missier Grace Gherxi li taħdem Zabbar Area Office;

… fir-ruħ ta' CARMELO CUTAJAR, li jiġi missier Louis Cutajar li jaħdem fi-Direttorat tal-People Management fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali;

… fir-ruħ ta' ROSE BONAVIA, li tiġi omm Marica Gatt li taħdem fil-Plant Health Department tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

> The honey of charity sweetens the bitterness of correction.

# Ni\\el fid-Djarju tieg]ek



**Il-Ħamis, 1 ta' Jannar 2009**
<u>L-Ewwel Jum tas-Sena</u>
Dan huwa l-Jum iddedikat għall-Paċi fid-dinja, taħt il-ħarsien ta' Marija Omm Alla.  Ma ninsewx ħbieb li hemm l-obbligu tal-Quddies;

**Il-Ġimgħa, 2 ta' Jannar 2009**
<u>L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar</u>
Ikollna l-ewwel Quddiesa għal din is-sena ġdida.  Bħas-soltu, din issir fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt, fin-12.35p.m.;

**Il-Ħadd, 18 ta' Jannar 2009**
<u>Ottava ta' talb</u>
Il-Knisja tħeġġiġna biex f'dawn il-ġranet, aktar mis-soltu, nitolbu għall-għaqda fost l-Insara;

**Il-Ħadd, 25 ta' Jannar 2009**
<u>Il-Konverżjoni ta' San Pawl</u>
Tintemm l-Ottava ta' talb.  Ikun imfakkar 'Jum il-Lebbrużi'

Permezz ta' dan il-Fuljett, nixtiequ nwasslu
Lilkom, ]bieb tagħna,
li tg]inuna b'kull mod li tistg]u,
L-isba] xewqat g]al Sena {dida - 2009 -
Mimlija Barka tal-Mulej,  Pa`I ta' veru,
U ]ajja mibnija fis-sod,
Fl-ispirtu ta' {esu' Kristu.

Id-Direzzjoni



# Rokna Cajt

Raġel Skoċċiż mar għand ħajjat u qallu: 'Kemm teħodli biex tgħaddili l-ġlekk u l-qalziet?' 'Żewġ liri Sinjur' qallu l-ħajjat. L-Iskoċċiż ma ħax pjaċir bil-prezz u qal lill-ħajjat: 'Mela għaddili quddiem biss u nagħtik lira, għax wara kollox, jien għar-ritratt biss għandi bżonnu!'

---

Pietru (waqt li kien idur f'esibizzjoni tal-pittura): 'Kwadri żgħar qatt ma għoġbuni.'
Leli (li kien għaddej u semgħu jgerger): 'Jaqaw int xi kritiku ta' l-arti?'
Pietru: 'Le, jiena bejjiegħ tal-ħġieġ!'

---

Pawlu: 'Ton, taf li l-ħajjat dik il-libsa ma ġabilhix tajba.'
Toni: 'U jien m'għdtlekx jaħasra biex qabel ma jlestihielek ma tatihx id-drapp!'

---



Spiru: 'Kif sibt ruħek wara ż-żwieġ?'
Ġużi: 'Meta konna għarajjes, jien kont nitkellem u hi tisma', wara li żżewwiġna, hi kienet titkellem u jien nisma', issa t-tnejn nitkellmu u l-ġirien jisimgħu!'

Kull korrispondenza g]andha tintbag]at lil:

Paul Schembri

73 'Terezita', Triq Birbal, Balzan BZN 9015

Tel: 21440384